ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 18

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

22 ta' Jannar 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2013/C 18/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6709 – Alpha Group Investments/Janoland Properties/NEU Property Holdings/Liberty Mall) (1) . . . . 1

2013/C 18/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6805 – Apollo/Aurum Holdings) (1) 1

2013/C 18/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6814 – Elavon/Banco Santander/JV) (1) . . . . 2


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2013/C 18/04 Rata tal-kambju tal-euro . . . . 3

2013/C 18/05 Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni . . . . 4


MT

Prezz: EUR 3

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2013/C 18/06 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd ..... 5

2013/C 18/07 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd ..... 5

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 18/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6773 – Canon/I.R.I.S.) (1) ..... 6


MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.6709 – Alpha Group Investments/Janoland Properties/NEU Property Holdings/Liberty Mall)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 18/01)

Fl-14 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6709. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.6805 – Apollo/Aurum Holdings)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 18/02)

Fil-15 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6805. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.6814 – Elavon/Banco Santander/JV)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 18/03)

Fl-14 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6814. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro ([1])

## Il-21 ta' Jannar 2013

(2013/C 18/04)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3323 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,2665 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 119,37 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3230 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4633 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,3296 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,83900 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5925 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,6936 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6375 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2421 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 417,64 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,8266 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,4440 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,2892 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,5815 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,626 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 812,25 |
| HUF | Forint Ungeriż | 292,55 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,0434 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 54,230 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6976 | RUB | Rouble Russu | 40,3000 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1699 | THB | Baht Tajlandiż | 39,623 |
| RON | Leu Rumen | 4,3603 | BRL | Real Brażiljan | 2,7197 |
| TRY | Lira Turka | 2,3500 | MXN | Peso Messikan | 16,9175 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 71,6180 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2013/C 18/05)




*Il-wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' EUR 2 maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Franza*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha, bl-għan li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti ([1]). Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ ta' muniti tal-euro għandhom il-permess joħorġu muniti tal-euro kommemorattivi maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, sakemm jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet, partikolarment li tintuża biss id-denominazzjoni ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita:** Franza

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** Il-50 anniversarju tal-iffirmar tat-Trattat Élysée

**Deskrizzjoni tad-disinn:**

Il-munita, li ġiet imfassla minn Yves Sampo tal-Monnaie de Paris, Stefanie Lindner tal-Istat Mint ta' Berlin, Alina Hoyer (Berlin) u Sneschana Russewa-Hoyer (Berlin), turi ritratti stilizzati tal-iffirmar tat-Trattat tal-Élysée (dak li kien-Kanċillier tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja Konrad Adenauer u l-eks-President tar-Repubblika Franċiża Charles de Gaulle), il-firem tagħhom u l-kliem "50 ANS JAHRE" bis-sena "2013" fin-nofs, il-kliem "TRAITÉ DE L'ÉLYSÉE" fuq in-naħa ta' fuq u l-kliem "ÉLYSÉE-VERTRAG" fuq in-naħa t'isfel. In-naħa tal-lemin tal-parti ta' ġewwa turi l-marki taz-zekka kif ukoll il-kodiċi tal-pajjiż tal-ħruġ "RF" u n-naħa tax-xellug turi l-"fleurette", karatteristika tax-xogħol tal-inċiżjoni

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**Numru ta' muniti li għandhom jinħarġu:** 10 miljuni

**Data tal-ħruġ:** Jannar 2013

---

([1]) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2013/C 18/06)

F'konformità mal-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), ittieħdet deċiżjoni biex is-sajd jingħalaq kif deskritt fit-tabella ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 20.12.2012 |
| Tul ta' żmien | 20.12.2012-31.12.2012 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | SPR/3BCD-C |
| Speċi | Laċċa kaħla u qabdiet assoċjati (*Sprattus sprattus*) |
| Żona | Ilmijiet tal-UE tas-suddiviżjonijiet 22-32 |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| Numru ta' referenza | FS86BAL |

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2013/C 18/07)

F'konformità mal-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), ittieħdet deċiżjoni biex is-sajd jingħalaq kif deskritt fit-tabella ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 20.12.2012 |
| Tul ta' żmien | 20.12.2012-31.12.2012 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | HER/4AB. |
| Speċi | Aringa (*Clupea harengus*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| Numru ta' referenza | FS87TQ44 |

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6773 – Canon/I.R.I.S.)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 18/08)

1. Fl-14 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta wara referenza skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Canon Inc. ("Canon", il-Ġappun) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża I.R.I.S. Group SA ("I.R.I.S.", il-Belġju) permezz ta' sejħa pubblika mħabbra fit-18 ta' Settembru 2012.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Canon: l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti tal-immaġni u sistemi ta' informazzjoni għall-konsumaturi u għall-professjonisti. Dawn jinkludu prinċipalment (i) tagħmir għall-awtomatizzazzjoni tal-uffiċċji inklużi stampaturi, magni tal-ikkuppjar, skenners u ġabriet multifunzjonali tagħhom kif ukoll xi bejgħ u servizzi ta' softwer relatat; (ii) kameras, lentijiet u camcorders; (iii) tagħmir mediku; u (iv) tagħmir għall-manifattura ta' semikondutturi u prodotti prinċipalment industrijali; u,

— għal I.R.I.S.: l-iżvilupp u l-bejgħ ta' softwer relatat mat-tagħmir għall-awtomatizzazzjoni tal-uffiċċji, kif ukoll xi bejgħ u servizzi ta' hardwer.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6773 – Canon/I.R.I.S., fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT